**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Leonard Caruana**

**Illum 16 ta' Dicembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

**Leonard Caruana, bin Emanuel u Rosaria Vella, m/Ghaxaq, fi 17/06/1958, ta' 23, Ronmar, Triq il-Wilga, Ghaxaq, ID 404858M**

Akkuzat talli nhar il-25/09/2023 u nhar is-27/09/2023 gewwa Triq il-Harbe, Ghaxaq:

1. Bhala persuna li kellek xi kelb taht il-kontroll tieghek, hallejt lil dan il-kelb jiggerra f'xi triq jew f'post pubbliku iehor, minghajr ma kellek kontroll tieghu jew minghajr ma zammejtu b'cinga.

2. Bhala persuna li fi triq jew f'post pubbliku iehor kellek fil-kontroll tieghek xi kelb u li f'dak il-hin il-kelb hammeg it-triq, int inqast li tnehhi minnufih dak il-hmieg.

3. Bhala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' perikolu ghan-nies, inqast li zzomm dak il-kelb taht kontroll.

4. Sewwist il-kelb tieghek sabiex jaghmel ghal xi hadd jew ma fittixtx li zzomm l-imsemmi kelb meta kien qed idejjaq lil xi hadd.[1]

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollh prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda allegat zewg incidenti li sehhew fi Triq il-Wilga, Hal-Ghaxaq fil-25 ta' Settembru 2023 u 27 ta' Settembru 2023. Qed jigi allegat li l-kelb/klieb tal-imputat thallew jigru fit-toroq meta kienu perikoluzi, bla cinga, idejjqu lill-kwerelant u ihammgu.

---

[1]Folio 1 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed **PS1405 D. Gerada** fejn sostna li wara diversi tentattivi biex jikkuntattja lill-imputat fuq il-vertenza, dan kellmu nhar l-1 ta' Ottubru 2023 fil-prezenza tal-avukat tieghu Dr. Bonello u wara li gie imwissi skond il-ligi fl-ghassa taz-Zejtun. L-imputat cahad li jhalli l-klieb tieghu jigru barra minghajr cinga.

Is-Surgent Gerada rega' kellem lill-kwerelant fejn dan ikkonferma li l-imputat ghandu zewg iklieb tar-razza fox terriers b'lewn iswed bl-abjad. Ikkonferma li dawn ikunu fil-garaxx u meta jkun hemm il-bieb miftuh jigru barra. Ikkonferma ukoll li fis-27 ta' Settembru wiehed minn dawn il-klieb tela' mieghu.[2]

Xehed **PC 184 Caruana** fejn ikkonferma li Julian D' Amato mar l-ghassa taz-Zejtun u ghamel rapport fil-konfront ta' Leonard Caruana u qal li dak in-nhar hargu zewgt iklieb mill-garaxx tal-imputat u li kienu minghajr cinga. Qal li kellem lil sidhom fejn qallu li torbot kelb bic-cinga hija mohqrija. Ikompli jghid li fit-28 ta' Settembru 2023 marret Melanie Bondin fejn ikkonfermat li l-klieb tal-imputat qed jithallew jigru minghajr cinga.[3]

Xehed **Julian D'Amato** nhar it-12 ta' Lulju 2024 fejn ikkonferma li kien wissa lill-imputat diversi drabi dwar il-fatt li kien qed ihalli l-klieb tieghu minghajr cinga fit-triq u dawn qed idejjqu lilu u lil bintu. Jispjega li huwa jkun ghaddej bil-kelb tieghu, li hu izghar minn dawk tal-imputat meta dawn johorgu mill-garaxx li jkollu l-bieb miftuh u jaghmlu ghalih. Jghid li l-klieb ikunu minghajr cinga u anki ihammgu.

[2] Folio 2 tal-process.

[3] Folio 3 – 4 tal-process.

Qal ukoll li l-klieb johorgu wkoll meta t-tifla tieghu tkun ghaddejja minn hemm.

Kontro-ezaminat jikkonferma li dakinhar hu kien ghaddej minn hemm u li jaf li l-klieb huma tal-imputat ghax dejjem jarahom mieghu. Jghid ukoll li gieli fil-garaxx kien hemm nies ohra ukoll. Jghid li dak in-nhar il-bieba tal-garaxx kienet nofs miftuha. Isostni li c-cinga tieghu hija twila anqas minn metru. Jghid li l-kelb tieghu izghar minn tal-imputat. Isostni li qallu diversi drabi biex ma jhallix il-klieb jiggerrew.

**Ikkunsidrat:**
**Att Dwar il-Klieb: Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta**

Il-ligi tipprovdi illi:
14.(1) Meta xi sid jew detentur ta' kelb li jkun ta' perikolu għan-nies, jonqos li jżomm il-kelb taħt kontroll, dan ikun ħati ta'reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u l-qorti għandha tordna lill-Pulizija li tiddistruġġi l-kelb għas-spejjeż ta' sidu jew tad-detentur tiegħu minkejja li l-kelb jista' jkollu sid jew detentur ġdid.

(2) Ma jkunx meħtieġ għall-prosekuzzjoni biex tipprova li s-sid jew id-detentur kien jaf li l-kelb kien perikoluż biex il-qorti tordna li jiġi distrutt il-kelb kif provdut fis-subartikolu (1).

(3) Jekk il-persuna akkużata kif provdut fis-subartikolu (1) tkun għal xi raġuni meħlusa mill-akkuża, il-qorti għandha, xorta waħda, jekk tkun sodisfatta li l-kelb hu perikoluż, tordna li dan jiġi distrutt.

(4) Kelb li jkun gidem jew ħabat għal xi persuna jitqies li hu perikoluż, kemm-il darba ma jiġix pruvat kuntrarju.

**Il-ligislazzjoni sussidjarja 312.01 imbaghad taqra:**

3.(1) Ebda persuna li jkollha xi kelb taht il-kontroll taghha ma ghandha thalli li dak il-kelb jiggerra u meta dak il-kelb jittiehed f'xi triq, ghandu jinzamm b'cinga.....

5 (2) Jekk f'xi hin kelb ihammeg it-triq, il-persuna li f'dak il-hin ikollha l-kelb taht il-kontroll taghha ghandha minnufih tnehhi dak il-hmieg.

**Imbaghad l-artikolu 339(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra s-segwenti:**

(g) isewwes lill-kelb tiegħu biex jagħmel għal xi ħadd, jew ma jfittixx li jżommu meta jkun idejjaq lil xi ħadd

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis li ghandha tiffoka biss fuq l-incident li gara fis-27 ta' Settembru 2023 fejn kien hemm involut direttament il-kwerelant Julian D' Amato. Mill-atti jirrizulta li l-incident tal-25 ta' Settembru 2023 kienet involuta biss Melanie D'Amato li pero' f'dawn il-proceduri ma xehditx u ghalhekk il-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-aqwa prova fir-rigward tar-rapport tal-25 ta' Settembru 2023. Il-Qorti tqis li ma tistax toqghod biss fuq dak li qalet Melanie D'Amato lill-pulizija meta hija marret izzid mar-rapport li ghamel missierha fin-nuqqas tal-konferma tar-rapport taghha f'dawn il-procduri.

Minn naha l-ohra, ghal kuntrarju ta' dak li tissottometti id-difiza, il-Qorti temmen li dak li xehed l-kwerelant ghandu mis-sewwa. Il-Qorti innutat l-atteggjament tieghu waqt li kien qed jixhed u tqis li kien konsistenti f'dak li xehed. Il-fatt wahdu li ma jghidx bi preciz id-data tal-akkadut ma jfissirx li l-imputat ghandu jigi liberat mill-akkuzi. Hu

ben risaput li l-htija jew in-nuqqas taghha trid tirrizulta mill-assjem tal-provi u allura wiehed irid jara ukoll il-fatti kollha fejn tigi biex tigi pruvata d-data tal-allegat incident kif pruvati kemm bl-affidavits tal-pulizija kif ukoll bir-rapport redatt minnhom li ma jhallu l-ebda ombra ta' dubbju f'mohh din il-Qorti li l-incident sehh fis-27 ta' Settembru 2023.

Il-Qorti temmen li l-klieb huma tal-imputat u kienu fil-kustodja u kontroll tieghu fis-27 ta' Settembru 2023. Temmen ukoll li l-klieb kienu qed idejjqu lill-kwerelant qabel din id-data u li diga' l-kwerelant kien gibidlu l-attenzjoni li l-klieb kienu perikoluzi u qed idejjqu lilu u lil bintu. B'hekk kellhom jitqiesu perikoluzi fit-termini tal-ligi.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi numru wiehed (1), tlieta (3), u erbgha (4).**

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-akkuza numru tnejn (2), din il-Qorti temmen li tali akkuza ma gietx pruvata skond il-ligi ladarba mix-xhieda tal-kwerelant ma jirrizultax li l-kelb/klieb tal-imputat hammgu fit-triq fl-okkazjoni mertu ta' dawn il-proceduri.

**Ghaldaqstant, il-Qorti mhux ser issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza (2).**

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 339(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 312, ir-Regolament 3(1) tal-Ligi Sussidjarja 312.01, ir-Regolament 5 (2) tal-Ligi Sussidjarja 312.01 qed issib lill-imputat

**LEONARD CARUANA HATI** tal-akkuzi numru wiehed (1), tlieta (3) u erba' (4) u MHUX HATI tal-akkuza numru tnejn (2) u dan limitatament ghall-incident tas-27 ta' Settembru 2023 u qed issib lill-imputat **LEONARD CARUANA MHUX HATI** tal-akkuzi kollha relatati ghall-incident li allegatament sehh fil-25 ta' Settembru 2023 u qed tikkundannah ammenda ta' hamsin Ewro (€50) li ghandha tithallas minnufih altrimenti konvertibbli fi zmien ta' prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti mhux ser tordna id-distruzzjoni tal-kelb/klieb ghax ma gewx identifikati bi precizjoni li titlob il-ligi. Ghal darb' ohra din il-Qorti ittenni ukoll li l-annimal ma ghandux isofri minhabba in-nuqqas tas-sid.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hu ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li din is-sentenza tittella' minnufih fuq is-sit online tal-Agenzija tas-Servizzi tal-Qrati.

Moghtija illum 16 ta' Dicembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur,
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur.